Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,865, 24 ta' Mejju, 2022
Taqsima B

A.L. 153 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in Social Policy or in Social Work taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in Social Policy or in Social Work - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) - B.A. (Hons) - in Social Policy or in Social Work - taħt il-patroċinju tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà, ippubblikati bħala Avviż Legali 167 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"11. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjonital-grad tal-Bachelor of Arts (Honours) in Social Work għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fl-erba' snin tal-kors li jkollhom dan il-piż:

Marka Medja tal-Ewwel Sena	10%
Marka Medja tat-Tieni Sena	20%
Marka Medja tat-Tielet Sena	30%
Marka Medja tar-Raba' Sena	40%."